31978L0659

L 222/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 14.8.1978

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tat-18 ta' Lulju 1978
dwar il-kwalità ta' l-ilma ħelu li għandu bżonn protezzjoni jew titjib sabiex tkun sostenuta l-ħajja tal-ħut

(78/659/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 100 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi l-protezzjoni u t-tijib ta' l-ambjent jitolbu mizuri konkreti biex jipproteġu l-ilmijiet kontra it-tniġġis, inkluż ilmijiet li kapaċi jsostnu ħut ta' l-ilma ħelu;

Billi mill-lat ekoloġiku u ekonomiku huwa neċessarju li tissalvagwardja popolazzjonijiet ta' ħut mill-konsegwenzi varji li jistgħu ikunu ta' ħsara, li jirriżultaw mit-tnixxija ta' sustanzi mniġġża ġo l-ilmijiet, bħal, partikolarment, it-tnaqqis f'numru ta' ħut ta' ċerti speċi u anki f'ċerti każi l-għajbien ta' numru minn dawn l-ispeċi;

Billi l-programmi ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-ambjent tal-1973 [3] u l-1977 [4] jipprovdu li l-għanijiet ta' kwalità għandhom ikunu mfassla konġuntament u jirranġaw it-talbiet varji li ambjent għandu jilħaq, *inter alia*, d-definizzjoni tal-parametri ta' l-ilma, inkluż l-ilmijiet li kapaċi jsostnu ħut ta' l-ilma ħelu;

Billi d-differenzi bejn d-dispożizzjonijiet li huma diġa fis-seħħ jew li qed ikunu preparati fl-Istati Membri varji dwar il-kwalità ta' l-ilmijiet li kapaċi jsostnu il-ħajja tal-ħut ta' l-ilma ħelu jistgħu joħolqu kundizzjonijiet mhux indaqs għall-kompetizzjoni u allura direttament jaffettwaw l-iffunzjonar tas-suq komuni; billi liġijiet fil-qasam għandhom ikunu approssimati skond kif previst fl-Artikolu 100 tat-Trattat;

Billi huwa neċessarju li tlaqqa' din l-approssimazzjoni tal-liġijiet ma' l-azzjoni tal-Komunità bil-għan li jintlaħaq, permezz ta' dispożizzjonijiet aktar wiesgħa, wieħed mill-għanijiet tal-Komunità fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-ambjent u t-titjib tal-kwalità ta' l-ħajja; billi ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi għandhom ikunu stabbiliti f'din il-konnessjoni; billi, minħabba li ċerti poteri ta' azzjoni meħtieġa għal dan l-għan ma kienux previsti fit-Trattat, huwa neċċessarju li tinvoka l-Artikolu 235 tiegħu;

Billi, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva, l-Istati Membri jridu jinnominaw l-ilmijiet li għalihom se tkun tapplika u jridu jistabbilixxu l-limiti tal-valuri li jikkorispondu ma' ċerti parametri; billi titieħed azzjoni sabiex ikun assigurat li l-ilmijiet nominati ikunu konformi ma' dawn il-valuri fi żmien ħames snin minn din n-nominazzjoni;

Billi għandu jsir provvediment li l-ilmijet li huma kapaċi jsostnu l-ħut ta' l-ilma ħelu, ikunu, b'ċerti kundizzjonijiet, mifhuma li

[1] ĠU C 30, tas-7.2.1977, p. 37.
[2] ĠU C 77, tat-30.3.1977, p. 2.
[3] ĠU C 112, ta' l-20.12.1973, p. 3.
[4] ĠU C 139, tat-13.6.1977, p. 3.

jikkonformaw ma' valuri parametriċi rilevanti anki jekk ċerti perċentwali ta' kampjuni meħuda ma' jikkonformawx mal-limiti speċifikati fl-Anness;

Billi sabiex jiġi assigurat li l-kwalità ta' l-ilmijet li kapaċi jsostni ħut ta' l-ilma ħelu huwa ċċekjat, numru minimu ta' kampjuni għandhom jittieħdu u l-qisien relatati mal-parametri stipulati fl-Anness għandhom ikunu mħarsa; billi t-teħid tal-kampjuni jista' jiġi mnaqqas jew imwaqqaf fid-dawl tal-kwalità ta' l-ilma;

Billi l-Istati Membri ma jistgħux jikkontrollaw ċerti ċirkustanzi naturali u allura huwa neċessarju li tipprovdi għall-possibilità li tidderoga minn din id-Direttiva f'ċerti każijiet;

Billi l-progress tekniku u xjentifiku jista' jinneċesita l-adattament magħġġel ta' wħud mit-talbiet stabbiliti fl-Anness ta' din id-Direttiva; billi, sabiex tiffaċilita l-introduzzjoni tal-miżuri mitluba għal dan l-iskop, għandha tiġi stabbilita proċedura fejn tkun stabbilita koperazzjoni mill-viċin bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan Kumitat dwar l-Adattament għall-Progress Tekniku u Xjentifiku,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tikkonċerna l-kwalità ta' l-ilma ħelu u tapplika għal dawk l-ilmijet nominati mill-Istati Membri li għandhom bżonn protezzjoni jew titjib sabiex isostnu l-ħajja tal-ħut.

2. Din id-Direttiva m'għandiex tapplika għall-ilmijiet f'vaski tal-ħut naturali jew artifiċjali li jintużaw għat-trobbija intensiva tal-ħut.

3. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jipproteġi jew itejjeb il-kwalità ta' dak l-ilma ħelu mexxejj jew wieqaf li jsostni, jew li, jekk it-tniġġiż jonqos jew jiġi eliminat, ikunu kapaċi jsostni ħut li jappartjeni għal:

— speċi naturali li joffru diversità naturali, jew

— speċi li l-preżenza tagħhom hija ġudikata bħala mixtieqa għall-iskopjiet ta' l-immaniġġjar ta' l-ilma mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri.

4. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

— ilmijiet *salmonid* għandhom ifissru ilmijiet li jsostnu jew li jsiru kapaċi jsostnu ħut li jappartjeni għall-ispeċi bħas-salamun (*Salmo salar*), trota (*Salmo trutta*), l-ispeċi fil-ġeneru tat-*Thymallus* (*Thymallus thymallus*) u l-ispeċi fil-ġeneru *Coregonus* (*Coregonus*),

— l-ilmijiet *cyprinid* għandhom ifissru ilmijiet li jsostnu jew li kapaċi jsiru jsostnu ħut li jappartjeni fl-ispeċi tal-ġeneru tal-*crypinids* (*Cyprinidae*), jew speċi oħra bħal *pike*, (*Esox lucius*), *perch* (*Perca fluviatilis*) u s-sallura (*Anguilla anguilla*).

Artikolu 2

1. Il-parametri fiżiċi u kimiċi applikabbli għall-ilmijiet nominati mill-Istati Membri huma elenkati fl-Anness I.

2. Għall-iskopijiet li jiġu applikati dawn il-parametri, l-ilmijiet huwa maqsuma f'ilmijiet *salmonid* u ilmijiet *cyprinid*.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom, għall-ilmijiet nominati, jistabilixxu valuri għall-parametri elenkati fl-Anness I, sakemm il-valuri jkunu elenkati fil-kolonna G jew fil-kolonna I. Għandhom ikunu konformi mal-kummenti li jinsabu f'kull wieħed minn dawn il-kolonni.

2. L-Istati Membri m'għandhomx jistabbilixxu valuri anqas iebsa minn dawk elenkati fil-kolonna I ta' l-Anness I u għandhom jirsistu li jirrispettaw il-valuri fil-kolonna G waqt li jikkonsidraw il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 8.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom, għall-ewwel fi zmien perijodu ta' sentejn wara n-notifikazzjoni ta' din id-Direttiva, jinnominaw ilmijiet *salmonid* u ilmijiet *cyprinid*.

2. L-Istati Membri jistgħu sussegwentement jagħmlu nominazzjonijiet addizzjonali.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrevedu n-nomininazzjoni ta' ċerti ilmijiet minħabba fatturi imprevisti fi zmien tan-nominazzjoni, waqt li jikkonsidraw il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 8.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi sabiex inaqqsu t-tniġġiż u sabiex jassiguraw li l-ilmijiet nominati ikunu konformi fi żmien ħames snin wara n-nominazzjoni skond l-Artikolu 4 kemm mal-valuri stabbiliti mill-Istati Membri skond l-Artikolu 3 kif ukoll mal-kummenti li jinsabu fil-kolonni G u I fl-Anness I.

Artikolu 6

1. Bl-iskop li jiġi mplimentat l-Artikolu 5, l-ilmijiet nominati għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jekk il-kampjuni ta' dawn l-ilmijiet, meħuda fil-frekwenza minima speċifikata fl-Anness I fl-istess punt u tul perjodu ta' 12-il xahar, juru li jikkonformaw kemm mal-valuri stabbiliti mill-Istati Membri skond l-Artikolu 3 u mal-kummenti li jinsabu fil-kolonni G u I fl-Anness I, fil-kaz ta':

— 95 % tal-kampjuni għall-parametri: pH, BOD5, *non-ionized ammonia*, *ammonium* totali, *nitrites*, klorin li jibqa' totali, żingu totali, u ram maħlul. Meta l-frekwenza tal-kampjunar hija anqas minn kampjun wieħed fix-xahar, kemm il-valuri msemmija hawn fuq kif ukoll il-kummenti għandhom jiġu rispettati għall-kampjuni kollha,

— il-perċentwali elenkati fl-Anness I għall-parametri: temperatura u ossiġnu maħlul,

— il-konċentrażżjoni medja stabbilita għall-parametru: solidi sospiżi.

2. Fejn il-valuri stabbiliti mill-Istati Membri skond l-Artikolu 3 jew il-kummenti misjuba fil-kolonni G u I ta' l-Anness I ma jkunux rispettati m'għandhomx jiġu konsidrati fil-kalkolazzjoni tal-perċentwali previsti fil-paragrafu 1 meta jkunu rizultat ta' għargħar jew diżastri naturali oħra.

Artikolu 7

1. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jagħmlu operazzjonijiet ta' kampjuni, li l-frekwenza minima tagħhom hija stabbilita fl-Anness I.

2. Fejn l-awtorità kompetenti tirrekordja li l-kwalità ta' l-ilmijiet nominati hija ogħla minn dik li tkun tirriżulta mill-applikazzjoni tal-valuri stabbiliti skond l-Artikolu 3 u l-kummenti li jinsabu fil-kolonni G u I ta' l-Anness I, il-frekwenza tal-kampjunar għandha titnaqqas. Fejn ma jkunx hemm tniġġis jew riskju ta' deterjorazzjoni fil-kwalità ta' l-ilmijiet, l-awtorità kompetenti konċernata tista' tiddeċiedi li ma' jkunx hemm bżonn ta' kampjunar.

3. Jekk il-kampjunar juri li valur stabbilit minn Stat Membru skond l-Artikolu 3 jew kumment misjub f'wieħed mill-kolonni G jew I ta' l-Anness I ma jkunx rispettat, l-Istat Membru għandu jistabbilixxi jekk dan hux riżultat ta' kumbinazzjoni, fenomenu naturali jew tniġġis u jaddotta l-miżuri xierqa.

4. Il-punt eżatt tal-kampjunar, id-distanza minn dan il-punt sa' l-eqreb punt fejn jiġi mnixxi t-tniġġis u l-fond ta' fejn il-kampjuni għandhom jittieħdu għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru fuq il-bażi partikolarment tal-kondizzjonijet ambjentali lokali.

5. Certi metodi ta' riferenza għall-analiżi għall-parametri konċernati huma stabbiliti fl-Anness I. Laboratorji li jħaddmu metodi oħra għandhom jassiguraw li r-riżultati miksuba huma ekwivalenti jew komparabbli ma' dawk speċifikati fl-Anness I.

Artikolu 8

L-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda bi qbil ma' din id-Direttiva ma' jistgħu fl-ebda kaz iwasslu, direttament jew indirettament, għal żieda fit-tniġġis ta' l-ilma ħelu.

Artikolu 9

L-Istati Membri jistgħu f'kull ħin jistabbilixxu valuri aktar iebsa għall-ilmijiet nominati minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva. Jistgħu ukoll jippreskrivu dispożizzjonijiet dwar parametri oħra barra dawk provvduti f'din id-Direttiva.

Artikolu 10

Meta l-ilmijiet ħelu jaqsmu jew jifformaw fruntieri nazzjonali bejn l-Istati Membri u meta wieħed minn dawn l-Istati jikkonsidra li jinnomina dawn l-ilmijiet, dawn l-Istati għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jistabbilixxu t-tul ta' dawn l-ilmijiet li għalihom għandha tapplika id-Direttiva u l-konsegwenzi li għandhom joħorġu mill-għanijiet ta' kwalità komuni; dawn il-konsegwenzi għandhom jiġu determinati, wara konsultazzjonijiet formali, minn kull Stat konċernat. Il-Kummissjoni tista' tipparteċipa f'dawn id-deliberazzjonijiet.

Artikolu 11

L-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn din id-Direttiva:

(a) fil-kaz ta' ċerti parametri mmarkati (0) fl-Anness I, minħabba temp eċċeżżjonali jew kundizzjonijet ġeografiċi speċjali;

(b) meta ilmijiet nominati jistgħanew b'mod naturali minn ċerti sustanzi, tant li l-valuri stabbiliti fl-Anness I ma jkunux rispettati.

Għana naturali tfisser il-proċess fejn, mingħajr intervent uman, ċertu ammont ta' ilma jirċievi ċerti sustanzi li jkunu jinsabu fil-ħamrija.

Artikolu 12

Dawn l-emendi huma neċessarji għall-adattament għall-progress tekniku u xjentifiku:

— il-valuri G għall-parametri, u

— il-metodi ta' l-analiżi,

li jkunu jinsabu fl-Anness I għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14.

Artikolu 13

1. Kumitat dwar l-Adattament għall-Progress Tekniku u Xjentifiku (minn hawnhekk "il quddiem imsejjaħ" il-Kumitat'), magħmul min rappreżentanti ta' l-Istati Membri u presjedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni, qiegħed hawnhekk jiġi stabbilit għall-iskop stipulat fl-Artikolu 12.

2. Il-Kumitat għandu jfassal ir-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 14

1. Fejn trid tiġi segwita l-proċedura preskritta f'dan l-Artikolu, il-materji għandhom jiġu riferuti lill-Kumitat mill-president tiegħu, jew fuq l-inzjattiva tiegħu nnifsu jew fuq it-talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kummissjoni abbozz tal-miżuri li jridu jiġu adottati. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz f'limitu taż-żmien li l-president tiegħu jistabbilixxi filwaqt li jqis l-urġenza tal-materja. Għandha taġixxi b'maġġoranza ta' 41 vot, bil-voti ta' l-Istati Membri mwieżna kif provvdut fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat. Il-president m'għandux vot.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri previsti fejn ikunu b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat.

(b) Fejn il-miżuri previsti ma jkunux bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat, jew l-ebda opinjoni ma tiġi adottata, il-Kummissjoni għandha tissottometti mingħajr dewmien proposta lill-Kunsill dwar il-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

(ċ) Jekk, fi żmien tliet xhur minn meta l-proposti jiġu sottomessi lilu, il-Kunsill ma jkunx aġixxa, l-miżuri proposti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

Artikolu 15

Għall-għanijiet tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni informazzjoni dwar:

— l-ilmijiet nominati skond l-Artikolu 4(1) u (2), f'forma sommarja,

— ir-reviżjoni tan-nominazzjoni ta' ċerti ilmijiet skond l-Artikolu 4(3),

— id-dispożizzjonijiet preskritti sabiex ikunu stabbiliti parametri ġodda skond l-Artikolu 9,

— l-applikazzjoni tad-derogi mill-valuri elenkati fil-kolonna I fl-Anness I.

B'mod aktar ġenerali, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba raġunata minn din ta' l-aħħar, kull informazzjoni neċessarja għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Artikolu 16

1. L-Istati Membri għandhom, ħames snin wara n-nominazzjoni tal-bidu skond l-Artikolu 4(1), u f'intervalli regolari wara, jissottomettu rapport dettaljat lill-Kummissjoni dwar l-ilmijiet nominati u l-karatteristiċi bażiċi tagħhom.

2. Wara li l-kunsens ta' qabel jiġi miksub mill-Istat Membru konċernat, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-informazzjoni miksuba.

Artikolu 17

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi zmien sentejn minnotifika tagħhom. Għandhom jinformaw lill-Kummissjoni biha minnufih.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam regolat minn din id-Direttiva.

Artikolu 18

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Novembru 1978.

Għall-Kunsill

Il-President

M. LAHNSTEIN

L-ANNESS I

IL-LISTA TAL-PARAMETRI

Il-Parametru	Ilmijiet *salmonid*		Ilmijiet *Cyprinid*		Metodi t'analiżi jew spezzjoni	Kampjunar minimu u l-frekwenza tal -kejl	Osservazzjonijiet
	Ġ	I	Ġ	I			
1. Temperatura (°C)	1. It-temperatura mkejjla fid-direzzjoni 'l isfel tax-xmara tal-punt tat-tnixxija tas-sħana (fil-tarf taż-żona fejn titħallat) m'għandiex teċċedi t-temperatura li mhiex affettwata b'iktar minn 1,5°¬ — 3°¬ Derogi limitati fl-iskop ġeografiku jistgħu jiġu deċiżi mill-Istati Membri f'kundizzjonijiet partikolari jekk l-awtorità kompetenti tista' tipprova li m'hemmx konsegwenzi perikoluży għall-iżvilupp bilanċjat tal-popolazzjoni tal-ħut 2. Tnixxijiet tas-sħana m'għandhomx jikkawżaw it-temperatura fid-direzzjoni 'l isfel tax-xmara fil-punt tat-tnixxija tas-sħana (fit-tarf taż-żona fejn titħallat_ li teċċedi dan li ġej): 21,5 (0) — 28 (0) 10 (0) — 10 (0) Il-limitu fit-temperatura ta' 10°¬ japplika biss għall-perijodi tat-tnissil ta' speċi li għandhom bżonn ilma kiesaħ għar-riproduzzjoni u għall-ilmijiet biss li jistgħu ikollhom dawn l-ispeċi Il-limiti tat-temperatura jistgħu, iżda, ikunu maqbuża għal 2 % tad-drabi				Termometrija	Fil-ġimgħa, kemm fid-direzzjoni 'l fuq u 'l isfel tax-xmara fil-punt tat-tnixxija tas-sħana	Varjazzjonijiet f'daqqa żżejjed fit-temperatura għandhom jiġu evitati

Il-Parametru	Ilmijiet *salmonid*		Ilmijiet *Cyprinid*		Metodi t'analiżi jew spezzjoni	Kampjunar minimu u l-frekwenza tal-kejl	Osservazzjonijiet
	Ġ	I	Ġ	I			
2. Ossiġnu maħlul (mg/l O_2)	50 % = 9 100 %= 7	50 % = 9 Meta l-konċentrazzjoni ta' l-ossiġnu taqa' anqas minn 6mg/l, l-Istati Membri għandhom jimplimnetaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(3). L-awtorita kompetenti għandha tipprova li din is-sitwazzjoni mhiex se jkollha konsegwenzi perikoluż għall-iżvilupp bilanċjat tal-popolazzjoni tal-ħut	50 % = 8 100 % = 5	50 % = 7 Meta l-konċentrazzjoni ta' l-ossiġnu taqa' anqas minn 4mg/l, l-Istati Membri għandhom jimplimnetaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(3). The fcompetent authority must prove tht this situation will have no harmful consequences for the balanced development of the fish population	Il-metodu *Winkler* jew *electrodes* speċifikati (metodu elektrokimiku)	Fix-xahar, mill-inqas rapprezentant ta' kampjun wieħed talkundizzjonijiet ta' l-ossiġnu baxx fil-ġurnata ta' kampjunar I#da, fejn varjazzjonijiet maġġuri a' kuljum huma suspettati, minimu ta' żewġ kampjuni f'ġurnata waħda għandhom jittieħdu	
3. pH		6 sa 9 (0) (1)		6 sa 9 (0) (1)	Kalibrazzjoni eletrometrika permezz ta' żewġ soluzzjonijiet b'valuri PH magħrufa, preferibilment fuq kull naħa, u viċin tal-pH li jkun qed jiġi mkejjel	Fix-xahar	
4. solidi sospiżi (mg/l)	= 25 (0)		= 25 (0)		Filtrazzjoni minn inforra li tiffiltra ta' 45 µm, jew centrifugazzjoni (minimu ta' ħames minuti, aċċelarazzjoni medja ta' 2 800 sa 3 200 g) tnixxef f'105¬ u tiżen		Il-valuri murija huma konċentrazzjonijiet medji u ma japplikawx għal solidi sospiżi bi propjetajiet kimiċi perikoluż Floods are liable to cause particularly high concentrations

(1) Varjazzjonijiet artifiċjali tal-pH dwar il-valuri li m'humiex affettwati ma għandhomx jaqbżu l-± 0.5 ta' punt wieħed tal-pH bejn il-limiti ta' 6.0 u 9.0 sakemm dawn il-varjazzjonijiet ma jżiedux il-periklu ta' sustanzi ohra preżenti fl-ilma,

Il-Parametru	Ilmijiet *salmonid*		Ilmijiet *Cyprinid*		Metodi t'analiżi jew spezzjoni	Kampjunar minimu u l-frekwenza tal-kejl	Osservazzjonijiet
	Ġ	I	Ġ	I			
5. BOD_s ($mg/l\ O_2$)	= 3		= 6		Determinazzjoni ta' O_2 bil-metodu *Winkler* qabel u wara ħamest-ijiem inkubazzjoni kompletament fid-dlam f' 20 ± °C (il-proċess ta' *nitrification* m'għandhux ikun miżmum)		
6. Fosfru totali (mg/l P)					Spektrufotometrija ta' l-assorbanza molekulari		Għal majjar li huma fondi bejn it-18 u t-300m, għandha tintuża din il-formula: $L \leq 10\frac{\bar{Z}}{Tw}\left(1 + \sqrt{Tw}\right)$ Fejn: L = illowdjar express f' mg P kull metru kwadru tal-wicc taxxmara f'sena waħda $\bar{Z}$ = il-fond tax-xmara f'metri Tw = il-ħin tejoretiku għat-tiġdid ta' l-ilma tax-xmara fi snien F'kasijiet oħra il-limiti tal-valuri ta' 0.2 mg/l għall-ilimijiet salmonid u 0.4 mg/l għall-ilmijijet cyprinid, expressi bħala PO_4, jisthgu ikunu mħarsa bħala indikattivi sabiex titnaqqas l-euthrophication
7. *Nitrites* ($mg/l\ NO_2$)	= 0.01		= 0.03		Spektrufotometrija ta' l-assorbanza molekulari		

Il-Parametru	Ilmijiet *salmonid*		Ilmijiet *Cyprinid*		Metodi t'analiżi jew spezzjoni	Kampjunar minimu u l-frekwenza tal -kejl	Osservazzjonijiet
	Ġ	I	Ġ	I			
8. Phenolic compounds (mg/l C_6H_5OH)		(1)		(1)	Bit-togħma		Eżami bit-togħma għandha issir biss meta il-preżenza ta' p *henolic* compounds hija preżenti
9. Ijdrokarboni tal-pitrolju		(2)		(2)	Bid-dehra Bit-togħma	Fix-xahar	Eżami bid-dehra għandha ssir regolarment darba fix-xahar, b'eżami bit-togħma biss meta l-preżenza ta' l-idrokarbuni hija preżunta.
10. non-ionized ammonia (mg/l NH_3)	= 0 005	= 0 025	= 0 005	= 0 025	Spektrofotometrija ta' l-assorbenza molekulari bl-użu ta' *indophenol blue* jew il-metodu *Nessler* assoċċjat mal-pH u d-deteminazzjoni tat-temperatura	Fix-xahar	Il-valuri tal-*non-ionized ammonia* jistgħu jiġu maqbuża f'forma ta' quċċati minuri matul il-ġurnata
	Sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' tossiċità dovut għan-*non-ionized ammonia*, il-konsum ta' l-ossiġnu dovut għan-*nitrification* u l-*eutrophication*, il-konċentrazzjonijiet ta' l-*ammonium* totali m'għandhomx jeċċedu dawn li ġejjin:						
11. *Ammonium* Totali (mg/l NH_4)	= 0.04	= 1 (3)	= 0.2	= 1 (3)			
12. Il-klorin li jibqa' totali (mg/l HOC)		= 0 005		= 0 005	Il-metodu DPD (diethyl-p-phenylenediamene)	Fix-xahar	Il-valuri-I jikkorrispondu ma' pH = 6 Konċentrazzjonijiet ogħla ta' klorin totali jistgħu jkunu aċċettati jekk il-pH ikun ogħla

(1) *Compounds phenolic* m'għandhomx ikunu preżenti f'dawk il-konċentrazzjonijiet li jaffettwaw negattivament il-benna tal-ħut.

(2) Il-prodotti tal-pitrolju m'għandhomx ikunu preżenti fl-ilma f'ċerti kwantitajiet li:
— jifformaw lega viżibbli fuq il-wiċċ ta' l-ilma jew jifformaw passati fuq il-qiegħ ta' l-ilmijet u xmajjar,
— iħallu togħma li tingħaraf ta' "ijdrokarburi" fil-ħut,
— jipproduċu effetti ta' ħsara fil-ħut.

(3) Partikolarment kundizzjonijiet ġeografiċi jew ta' klima u partikolarment f'każijiet ta' temperatura baxxa ta' l-ilma jew fejn l-awtorità kompetenti tista' tipprova li m'hemmx konsegwenzi ta' ħsara għall-iżvilupp bilanċjat tal-popolazzjoni tal-ħut, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu valuri ogħla minn 1mg/l.

Il-Parametru	Ilmijiet *salmonid*		Ilmijiet *Cyprinid*		Metodi t'analiżi jew spezzjoni	Kampjunar minimu u l-frekwenza tal -kejl	Osservazzjonijiet
	Ġ	I	Ġ	I			
13. Żingu totali (mg/l Zn)		= 0.3		= 1.0	Spektrometrija ta' l-assorbenza atomika	Fix-xahar	Il-valuri-I jikkorrispondu ma' l-għebusija ta' l-ilma ta' 100 mg/l $CaCO_3$ Għal livelli ta' għebusija bejn l-10 u l-500 mg/l limiti ta' valuri korrispondenti jistgħu jinstabu fl-Anness II
14. Ram maħlul (mg/l Cu)	= 0.04		= 0.04		Spektrometrija ta' l-assorbenza atomika		Il-valuri-Ġ jikkorrispondu ma' l-għebusija ta' l-ilma ta' 100 mg/l $CaCO_3$ Għal livelli ta' għebusija bejn l-10 u l-300 mg/l limiti ta' valuri korrispondenti jistgħu jinstabu fl-Anness II

Osservazzjoni ġenerali:

Għandu jkun innutat li l-valuri parametriċi elenkati f'dan l-Anness jassumu li l-parametri l-oħra, kemm jekk huma msemmij f'dan l-Anness jew le, huma favorevoli. Dan jimplika, partikolarament, li l-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi ta' ħsara oħra hija baxxa ħafna.

Fen żewġ sustanzi jew aktar ta' ħsara huma preżenti fit-taħlita, effetti konġunti (effetti adittivi, sineġetiċi jew antagonistiċi) jistgħu ikunu sinifikant.i

G = gwida,

I = obbligatorju.

(0) = deroga hija possibli skond l-Artikolu 11

L-ANNESS II

PARTIKOLARITAJIET DWAR IŻ-ŻINGU TOTALI U R-RAM MAĦLUL

Żingu totali

(ara l-Anness I, Nru 13, il-kolonna "Osservazzjonijiet")

Konċentrazzjonijiet taż-żingu (mg/l Zn) għall-valuri differenti ta' l-għebusija ta' l-ilma bejn l-10 u l-500 mg/l $CaCO_3$:

	L-għebusija ta' l-ilma (mg/l $CaCO_3$)			
	10	50	100	500
Ilmijiet *salmonid* (mg/l Zn)	0.03	0.2	0.3	0.5
Ilmijiet *cyprinid* (mg/l Zn)	0.3	0.7	1.0	2.0

Ram maħlul

(Ara l-Anness I, Nru 14, il-kolonna "Osservazzjonijiet")

Konċentrazzjonijiet ta' ram maħlul (mg/l Zn) għall-valuri differenti ta' l-għebusija ta' l-ilma bjen l-10 u l-300 mg/l $CaCO_3$:

	L-għebusija ta' l-ilma (mg/l $CaCO_3$)			
	10	50	100	300
Mg/l Cu	0 005 [1]	0 022	0.04	0 112

[1] IL-preżenza tal-ħut fl-ilmijiet li jkun fihom konċentrazzjonijiet oġħla ta' ram jista' jindika predominanza ta' kumplessitajiet ta' kupriċi organiċi maħlulin.